

31993D0493

L 230/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

11.9.1993

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tas-27 ta' Lulju 1993****li temenda Deċiżjoni 83/471/KEE dwar il-Kumitat ta' Spezzjoni tal-Komunità dwar l-applikazzjoni ta' l-iskala ta' klassifika għall-karkassi ta' annimali adulti bovini**

(93/493/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1208/91 tat-28 ta' April 1981 li jstabbilixxi l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi ta' annimali adulti bovini⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat b'Regolament (KEE) Nru 1026/91⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tiegħu,

Billi, bil-għan li l-Kummissjoni tkun tista' tevalwa r-riżultati ta' spezzjonijiet, għandu jsir provvediment għall-Istati Membri biex jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-azzjoni meħuda dwar rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat ta' Spezzjoni u b'mod xieraq biex jaġġustaw Deċiżjoni tal-Kummissjoni 83/471/KEE tas-7 ta' Settembru 1983 dwar il-Kumitat ta' Spezzjoni tal-Komunità fuq l-applikazzjoni ta' l-iskala ta' klassifika ta' annimali adulti bovini⁽³⁾, kif l-aħħar emendata b'Deċiżjoni 92/429/KEE⁽⁴⁾;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ- Ċanga u l-Vitella,

Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 4 ta' Deċiżjoni 83/471/KEE:

“3. Meta r-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 josserva nuqqasijiet fil-kampijiet varji ta' attività li kienu s-suġġett ta' verifika, jew jagħmel rakkomandazzjonijiet bil-għan li jittejjbu operazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-bidliet kollha li huma ikkunsidrati jew li ġraw mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data li fiha ġie trasmess ir-rapport.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1993.

F'isem il-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 123, tas-7.5.1981, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 106, tas-26.4.1991, p. 2.

⁽³⁾ ĠU L 259, ta' l-20.9.1983, p. 30

⁽⁴⁾ ĠU L 237, ta' l-20.8.1992, p. 15.